



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2017
COM(2017) 478 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-
Informazzjoni (ENISA)**

1. INTRODUZZJONI

1.1 DWAR L-ENISA

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) oriġinarjament twaqqfet fl-2004 u l-mandat tagħha kien jiġi mġedded perjodikament. Il-mandat attwali tal-ENISA huwa stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 526/2013¹ (ir-“Regolament tal-ENISA”) u se jiskadi fid-19 ta’ Ġunju 2020.

Il-mandat tal-ENISA huwa li tikkontribwixxi għal livell għoli ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-Unjoni. Ir-Regolament tal-ENISA jiddeskrivi l-għanijiet speċifiċi tal-Aġenzija, u jistabbilixxi li din għandha:

- tiżviluppa u ssostni livell għoli ta’ għarfien espert.
- tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-iżvilupp ta’ politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.
- tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-linji ta’ politika meħtieġa biex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni, u b’hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament korrett tas-suq intern.
- tassisti lill-Unjoni u lill-Istati Membri fit-tkabbir u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom u l-istat ta’ tħejjija biex timpedixxi, tidentifika u tirrispondi għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni.
- tuża l-għarfien espert tagħha biex tistimula kooperazzjoni wiesgħa bejn atturi mis-settur pubbliku u atturi mis-settur privat.

Barra minn hekk, permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1148² dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (id-“Direttiva NIS”), il-koleġiżlaturi tal-UE ddeċidew jattribwixxu rwoli importanti lill-ENISA fl-implimentazzjoni tal-liġi. B’mod partikolari, l-Aġenzija tipprovdi s-segretarjat għan-Netwerk tas-CSIRTs (stabbilit biex jippromwovi kooperazzjoni operazzjonali rapida u effettiva bejn l-Istati Membri), u tintalab ukoll tgħin lill-Grupp ta’ Kooperazzjoni għall-finijiet tal-kooperazzjoni strateġika fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Barra minn hekk, id-Direttiva NIS teżiġi li l-ENISA tgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni billi tipprovdi l-għarfien espert u l-pariri tagħha u billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki.

L-Aġenzija hija bbażata l-Greċja, bis-sede amministrattiva f’Heraklion (Kreta) u l-operazzjonijiet ewlenin f’Ateni. Għandha 84 membru tal-persunal u baġit operattiv annwali ta’ EUR 11.25-il miljun. Titmexxa minn Direttur Eżekuttiv u l-governanza jipprovdiha l-Bord tat-Tmexxija, il-Bord Eżekuttiv u l-Grupp Permanenti ta’ Partijiet Ikkonċernati. Netwerk informali ta’ Uffiċjali ta’ Kuntatt Nazzjonali jiffaċilita l-ħidma ta’ kuntatt fl-Istati Membri.

¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1495472820549&uri=CELEX:32013R0526>

² http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2016.194.01.0001.01.ENG&toc=OJ:L:2016:194:TOC

1.2 SKOP TAR-RAPPORT

L-Artikolu 32 tar-Regolament tal-ENISA jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-ENISA sal-20 ta' Ġunju tal-2018 biex *“tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Aġenzija u tal-prattika tax-xogħol tagħha”* u biex tqis jekk il-mandat attwali jeħtieġx li jiġi estiż jew le.

Fid-dawl tal-bidliet sinifikanti li seħħew fil-pajsaġġ taċ-ċibersigurtà mill-2013 'l hawn, meta ġie adottat ir-Regolament tal-ENISA attwali – fid-dawl tal-livelli miksuba fir-rigward tal-maturità tal-politika, tas-suq u teknoloġika – fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2016 - Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrijja taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva³, il-Kummissjoni ħabbret li se tavvanza l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-ENISA. B'mod partikolari, il-Kummissjoni rat li r-rieżami tal-ENISA kien se jipprovdri opportunità biex ikunu jistgħu jittejbu l-abbiltajiet u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija biex tappoġġa lill-Istati Membri b'mod sostenibbli fil-kisba tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà.

Din il-viżjoni kompliet tiġi kkonfermata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016⁴, li rrikonoxxew li *“it-theddid ċibernetiku u l-vulnerabbiltajiet ikomplu jevolvu u jintensifikaw li ser jeħtieġu kooperazzjoni kontinwa u eqreb, speċjalment fl-ittrattar ta' inċidenti ta' ċibersigurtà transkonfinali fuq skala kbira”*. Il-konklużjonijiet affermaw mill-ġdid li *“ir-Regolament tal-ENISA huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-qafas ta' reżiljenza ċibernetika tal-UE”*

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-ENISA ntużaw għall-valutazzjoni tal-impatt li akkumpanjat il-proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerke u l-Infurmazzjoni (ENISA, l-*“Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà”*) li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u li jikkonċerna ċ-ċertifikazzjoni tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (*“L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà”*).

Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament tal-ENISA, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport ta' evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija. Dan ir-Rapport fil-qosor huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerke u tal-Infurmazzjoni (SWD(2017) 502).

2. IS-SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI

F'konformità mal-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni⁵, l-evalwazzjoni studjat l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-Aġenzija fir-rigward tal-prestazzjoni, il-governanza, l-istruttura organizzattiva interna u l-prattiki tax-xogħol tagħha.

L-analiżi qieset ukoll il-kuntest evolut li fih topera issa l-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward ta': il-qafas regolatorju u ta' politika l-ġdid tal-UE (eż. id-Direttiva DirettivNIS, ir-Rieżami tal-Istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà); il-ħtiġijiet li dejjem qed jevolvu tal-

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrijja taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva, COM/2016/0410 final.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill *“Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrijja taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva”* - 15 ta' Novembru 2016.

⁵ COM (2015)215 final SWD (2015)111 final;

http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/docs/swd_br_guidelines_mt.pdf

komunità tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija; u l-komplementarjetà u sinerġiji possibbli mal-ħidma mwettqa minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-UE u nazzjonali, bħalma huma l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE (CERT-UE) u ċ-Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità (EC3) fil-Europol.

Biex tevalwa l-funzjonament tal-Aġenzija:

- Il-Kummissjoni kisbet studju indipendenti, li sar minn Novembru 2016 u Lulju 2017, u li jikkostitwixxi s-sors ewleni tal-evalwazzjoni flimkien tal-analiżi interna mwettqa mill-Kummissjoni.
- L-attivitajiet inkludew riċerka sekondarja, ġbir tad-data u analiżi, inklużi stħarriġiet fost il-partijiet ikkonċernati, intervisti fil-fond ma' atturi ewlenin fil-qasam ta' ċibersigurtà, workshop tal-partijiet ikkonċernati, valutazzjoni komparattiva, eżerċizzju ta' pożizzjonament tal-Aġenzija u analiżi tal-preġġi, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddidiet (SWOT).
- Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika online ta' 12-il ġimgħa, li kopriet kemm l-evalwazzjoni *ex post* u l-futur tal-ENISA, kif ukoll konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-evalwazzjoni, huma kif ġej:

1. **Rilevanza:** F'kuntest ta' żviluppi teknoloġiċi u theddidiet li qegħdin jevolvu u l-ħtieġa sinifikanti għal livell ogħla ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-UE, l-għanijiet tal-ENISA taw prova tar-rilevanza tagħhom. Fil-fatt, l-Istati Membri u l-korpi tal-UE jistrieħu fuq l-għarfien espert dwar l-evoluzzjoni tan-NIS; jeħtieġ li jinbnew kapaċitajiet fl-Istati Membri biex dawn jifhmu u jirreaġixxu għat-theddid u jeħtieġ ukoll li l-partijiet ikkonċernati jikkooperaw fl-oqsma tematiċi u fl-istituzzjonijiet kollha. In-NIS tibqa' prijorità politika ewlenija tal-UE u l-ENISA mistennija tkun responsabbli għaliha. madankollu, il-mod li bih tfasslet l-ENISA, b'mandat ta' terminu fiss: (i) ma jippermettix ipplanar fit-tul u appoġġ sostenibbli għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-kuntest tat-theddidiet ta' ċibersigurtà li jinbidel b'rata tant mgħagħla; (ii) jista' jwassal għal vojt legali peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS li jallokaw il-kompiti lill-ENISA huma ta' natura permanenti;
2. **Effikaċja:** Ġeneralment, l-ENISA laħqet l-għanijiet kollha tagħha u implimentat il-kompiti allokat. Tat kontribut għat-titjib tan-NIS fl-Ewropa permezz tal-attivitajiet ewlenin tagħha (il-bini ta' kapacià, l-għoti ta' għarfien espert, il-bini tal-komunitajiet u appoġġ għall-politika). F'kull waħda minn dawn l-attivitajiet, uriet ukoll li kien hemm lok għat-titjib. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-ENISA effettivament ħolqot relazzjonijiet b'saħħithom u affidabbli ma' xi wħud mill-partijiet ikkonċernati tagħha, b'mod partikolari mal-Istati Membri u l-komunità tas-CSIRTs. L-interventi fil-qasam tal-bini tal-kapacià tqiesu bħala effikaċi, b'mod partikolari għal Stati Membri b'inqas riżorsi. L-istimular ta' kooperazzjoni wiesgħa kien ta' importanza partikolari, u l-partijiet ikkonċernati ġeneralment qablu dwar ir-rwol pożittiv li l-ENISA għandha biex tgħaqqad in-nies. Madankollu, l-ENISA ħabbtet wiċċha ma' diffikultajiet biex tagħmel impatt kbir fil-qasam vast tan-NIS. Dan minħabba li r-riżorsi umani u finanzjarji tagħha kienu pjuttost limitati biex tissodisfa l-mandat wiesa' li ngħatalha. L-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li l-ENISA parzjalment issodisfat l-għan tagħha li

tipprovdi l-għarfien espert, minħabba l-problemi li kellha fir-reklutaġġ ta' esperti (ara wkoll hawn taħt fit-taqsimha dwar l-effiċjenza).

3. **L-effiċjenza:** Minkejja l-baġit żgħir tagħha – fost l-iċken, meta mqabbel ma' dak ta' Aġenziji oħra tal-UE – l-Aġenzija kienet kapaċi tikkontribwixxi għal għanijiet immirati, u b'hekk uriet effiċjenza ġenerali fl-użu tar-riżorsi tagħha. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-proċessi kienu ġeneralment effiċjenti, u d-delinjazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fl-organizzazzjoni wasslet għal eżekuzzjoni tajba tax-xogħol. Waħda mill-isfidi ewlenin għall-effiċjenza tal-Aġenzija hija marbuta mad-diffikultajiet li kellha l-ENISA biex tirrekluta u żżomm esperti kkwalfikati ta' livell għoli. Is-sejbiet juru li dan jista' jiġi spjegat minn taħlita ta' fatturi, fosthom diffikultajiet ġenerali fis-settur pubbliku biex dan jikkompeti mas-settur privat fl-impjegar ta' esperti speċjalizzati ħafna, it-tip ta' kuntratti (terminu fiss) li setgħet toffri l-Aġenzija fil-biċċa l-kbira tal-każijiet u l-livell relattivament baxx ta' kemm l-ENISA kienet attraenti f'termini tal-post fejn tinsab l-ENISA, pereżempju b'rabta ma' kemm kien diffiċli biex il-konjugi tal-esperti jsibu xogħol. Il-fatt li l-Aġenzija hija maqsuma bejn Atena u Heraklion kien jeħtieġ sforzi addizzjonali ta' koordinazzjoni u ġġenera kostijiet addizzjonali, iżda ċ-ċaqliqa tad-dipartiment tal-operazzjonijiet ċentrali lejn Atena fl-2013 tejjeb l-effiċjenza operazzjonali tal-Aġenzija.
4. **Koerenza:** L-attivitajiet tal-ENISA ġeneralment kienu koerenti mal-politiki u l-attivitajiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha fuq il-livell nazzjonali u dak tal-UE, iżda teżisti l-ħtieġa għal approċċ aktar ikkoordinat għaċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE. Il-potenzjal għall-kooperazzjoni bejn l-ENISA u korpi oħra tal-UE għadu ma ġiex utilizzat kompletament. L-evoluzzjoni tal-pajsaġġ politiku u legali tal-UE wasslet biex illum il-mandat attwali jkun inqas koerenti.
5. **Valur miżjud tal-UE:** Il-valur miżjud tal-ENISA kien jinsab primarjament fil-kapaċità tal-Aġenzija biex ittejjeb il-kooperazzjoni, l-aktar bejn l-Istati Membri iżda wkoll man-network relatat u mal-komunitajiet tan-NIS. M'hemm l-ebda attur ieħor fil-livell tal-UE li jappoġġa l-kooperazzjoni tal-istess varjetà ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam tan-NIS. Il-valur miżjud provdut mill-Aġenzija varja skont il-ħtiġijiet u r-riżorsi differenti tal-partijiet ikkonċernati tagħha (eż. Stati Membri kbar meta mqabbla ma' Stati Membri żgħar; Stati Membri meta mqabbla mal-industrija) u l-ħtieġa biex l-Aġenzija tipprijoritizza l-attivitajiet tagħha skont il-programm ta' ħidma. L-evalwazzjoni kkonkludiet li jekk l-ENISA tispiċċa, dan jissarraf f'opportunità mitlufa għall-Istati Membri kollha. Ma jkunx possibbli li jiġi żgurat l-istess livell ta' bini tal-komunità u ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam taċ-ċibersigurtà mingħajr aġenzija tal-UE deċentralizzata. L-istampa tkun aktar frammentata, u l-vojt li tħalli l-ENISA jimtela b'kooperazzjoni bilaterali jew reġjonali.

3. KONKLUŻJONIJIET/RAKKOMANDAZZJONIJIET

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-ENISA ngħatat mandat wiesa' mir-Regolament tagħha – u dan jippermetti ċerta flessibbiltà. Min-naħa l-oħra f'ċerti każijiet dan iwassal għal nuqqas ta' fokus u b'hekk l-Aġenzija ssibha diffiċli tikseb impatt kbir – u l-għanijiet tagħha taw xhieda tar-rilevanza tagħhom fil-perjodu 2013-2016. L-Aġenzija rnexxielha tikseb livell tajjeb ta' effiċjenza u wriet il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ewlenin, bħalma huma l-Eżerċizzji Ċibernetiċi pan-Ewropej, l-appoġġ għall-komunità tas-CSIRTs, l-analiżi tal-pajsaġġ tat-theddid. L-ENISA kkontribwiet għal żieda fis-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni fl-Ewropa, l-

aktar permezz tal-appoġġ tagħha għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Partijiet Ikkonċernati fin-NIS, kif ukoll permezz tal-attivitàjiet komunitarji u tal-bini tal-kapaċità.

L-Aġenzija kisbet dawn ir-riżultati minkejja diversi sfidi li ġew ippreżentati fit-taqsimiet preċedenti ta' dan ir-rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż. Waħda mill-isfidi ewlenin kienet marbuta mar-riżorsi limitati li ma kinux jaqblu mal-mandat estensiv tal-Aġenzija, speċjalment fid-dawl tal-kompiti ġodda mogħtija lill-Aġenzija mid-Direttiva NIS u l-panorama tat-theddid li qed tevolvi b'pass tant mgħaġġel. L-ENISA tibqa' l-unika aġenzija tal-UE b'mandat fiss, minkejja, fost affarijiet oħra, kompiti marbuta mad-Direttiva NIS kif jissewma hawn fuq.

Il-pajsagħ tat-theddidiet taċ-ċibersigurtà qiegħed jevolvi b'pass mgħaġġel u kulma jmur qegħdin ifeġġu theddidiet ġodda hekk kif l-Ewropa ssir dejjem aktar dipendenti fuq l-infrastruttura u s-servizzi diġitali, mhux biss permezz tal-apparati konnessi iżda issa permezz tal-konnettività omnipreżenti. L-Internet tal-Oġġetti joħloq opportunitajiet ġodda marbuta mal-effiċjenza enerġetika, il-ħarsien tal-ambjent, il-mobbiltà kkollegata, monitoraġġ tas-saħħa f'ħin reali u tranżazzjonijiet finanzjarji intelliġenti u bla intoppi fl-ekonomija u s-soċjetà diġitali. Madankollu, flimkien ma' dawn l-impeti għan-negozju hemm vulnerabbiltajiet ġodda u punti li jistgħu jiġu sfruttati li bihom ċerti apparati kompromessi jistgħu jfixxlu s-Suq Uniku Diġitali.

L-evalwazzjoni wasslet għall-konklużjoni li l-mandat attwali ma jattrezzax lill-ENISA bl-għodod meħtieġa biex tiffaċċja l-isfidi attwali u futuri taċ-ċibersigurtà.

Barra minn hekk, issa hemm riskju dejjem akbar ta' aktar frammentazzjoni fil-livell tal-UE minħabba għadd ta' atturi fil-livell tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà u n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejniethom. L-UE teħtieġ punt fokali li jindirizza t-theddidiet ġodda ta' natura orizzontali li jolqtu diversi setturi industrijali u li jista' jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-komunità taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari l-Istati Membri, l-istitutuzzjonijiet tal-UE u n-negozji. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi li teżisti l-ħtieġa għal Aġenzija tal-UE organizzata fuq bażi transsettorjali, orizzontali b'mandat b'saħħtu.

L-evalwazzjoni turi li minkejja għadd ta' kwistjonijiet ta' sfida, jeżisti potenzjal sinifikanti għall-ENISA, jekk ikollha l-mandat u l-appoġġ suffiċjenti f'termini ta' riżorsi finanzjarji u umani, biex tagħmel kontribut għal ċibersigurtà mtejbja fl-UE.

Teżisti wkoll ħtieġa ċara għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost partijiet ikkonċernati differenti. Il-ħtieġa għal entità tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex tiffaċilita l-flussi tal-informazzjoni, tnaqqas il-lakuni u tevita l-irduppar tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet qiegħda ssir dejjem aktar akuta. L-ENISA, bħala aġenzija deċentralizzata tal-UE u faċilitatur newtrali, hija f'pożizzjoni li tikkoordina l-approċċ tal-UE għat-theddid ċibernetiku.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ressqet proposta biex tirriforma l-ENISA, li tafda b'mandat permanenti li jibni fuq il-punti b'saħħithom ewlenin tal-Aġenzija u l-prijoritajiet ġodda għall-azzjoni, pereżempju fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. Dan il-mandat il-ġdid għandu jirrifletti r-realtà mibdula u jagħti s-setgħa lill-Aġenzija li tappoġġa lill-UE kif xieraq fil-ġejjieni.